**Minuti tal-Laqgħa nru 43 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar il-Erbgħa 16 ta' Ġunju 2010 fis-7.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.15 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.00 | 9.15 |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.05 | 9.15 |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.00 | 9.15 |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.25 | 9.15 |
| Kunsillier Dr Shirley Farrugia | 7.20 | 9.15 |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.10 | 9.15 |
| Kunsillier Paul Agius | 6.45 | 9.15 |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.00 | 9.15 |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.10 | 9.15 |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Assenti | - |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.05 | 9.15 |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur Noel Cini kien preżenti għal-laqgħa.

Fil-bidu tal-laqgħa is-Sindku talab sospensjoni sabiex iċ-Chairman tal-Kumitat tal-Kuntratti, il-Perit Alfred Grech jippreżenta r-rapporti tiegħu dwar l-għażla tal-kumpanija li kellha tipprepara studju dwar *energy saving* għal-lokalita` tal-Mosta, u dan bħala parti mill-Patt tas-Sindki.

Iċ-Chairman qal li kienu ntefgħu tlett kwotazzjonijiet li kienu tal-EMDP, tal-ECONING u tal-Ing Antony Busuttil. Hu kompla jgħid li r-rati mitfugħa kienu kif ġej: l-EMDP taw *houly rate* filwaqt li l-ECONING ikkwotaw is-somma globali ta' ewro 3,200.00 u l-Ing Anthony Busuttil ikkwota s-somma globali ta' ewro 3,500.00. Il-Perit Grech ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-offerenti kienu mitluba sabiex jagħtu somma globali. Qal ukoll li l-kumpanija ECONING kienet rebħet 11-il waħda f' dan ir-rigward minn kunsilli lokali oħrajn, filwaqt li l-Ing Anthony Busuttil kien rebaħ waħda.

In vista ta' dan is-Sindku ippropona li l-Kunsill kellu jagħżel l-offerta tal-ECONING li kienet ukoll l-orħos waħda. Minħabba li kien jidher li ma kienx hemm qbil unanimu, intalab il-vot u rriżulta li s-Sindku, il-Viċi Sindku, u l-Kunsillieri Sammut, Agius, Fenech u Grech ivvutaw favur, filwaqt li l-Kunsillieri Demartino, Farrugia, Mifsud u Fenech Adami ivvutaw kontra. Il-proposta tas-Sindku għalhekk għaddiet b' sitt voti favur u erbgħa kontra.

Iċ-Chairman, il-Perit Alfred Grech qal li dwar l-Għażla ta' Servizz ta' Perit għall-Kunsill Lokali kienu ntefgħu 8 offerti u hawn ta spjegazzjoni dwar il-ħlasijiet u dwar l-informazzjoni li kienu qed jintalbu.

Iċ-Chairman qal li kien għadu qed jistenna matrix mingħand kunsillier u għalhekk qal li għad ma kienx f' pożizzjoni li jlesti r-rapport għall-Kunsill.

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru 42**

1.01 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u s-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk kienx hemm xi korrezzjonijiet. Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet is-Sindku ppropona li dawn il-minuti jiġu approvati. Il-minuti tal-laqgħa preċendenti kienu approvati unanimament.

1.02 Is-Sindku qal li xtaq jerġgħa jara l-minuti tal-laqgħat 41, 40 u 39 u dan sabiex jara jekk dawn kienux ġew emendati kif maqbul fil-laqgħa preċedenti.

**2.00 Tagħrif mill-Minuti**

2.01 Is-Sindku qal li xtaq jirringrazzja lill-Kunsillier Agius li fi żmien qasir kien ħa ħsieb li jirriabilita\` u jnaddaf l-inħawi tal-Bidnija fejn hemm il-klabb tal-Federazzjoni tal-Isparar, u dan minħabba li kellu jsir tournament internazzjonali.

**3.00 Materji Finanzjarji**

3.01 Is-Sindku poġġa fuq il-mejda kopja tal-Financial Projections għall-ewwel tlett xhur tas-sena u qal li l-Financial Situation Indicator ghal dan il-perjodu kienet ta' 1.47%. Hawn talab għall-approvazzjoni ta' dan ir-rapport – liema rapport ġie approvat unanimament minn dawk preżenti.

3.02 Il-Kunsill approva wkoll lista ta' pagamenti urġenti li jammontaw għal ewro 291,281.27 u lista oħra ta' ħlasijiet li tammonta għal ewro 76,534.26.

3.03 Il-Kunsill talab informazzjoni dwar item 29 li tammonta għal ewro 450.13 dwar xi xkaffar għal-librerija.

**4.00 Korrispondenza Urġenti Biss**

4.01 Giet preżentata lista ta' 20 ittra/email – liema lista tqassmet ukoll lill-Kunsillieri kollha. Inqraw l-ittri u l-emails kolllha u ġiet immarkata l-azzjoni li trid tittieħed fuq kull korrispondenza skond il-lista annessa ma' dawn il-minuti.

**5.00 Wirja Agrarja Bidnija**

5.01 Il-Kunsill iddiskuta l-item li kien imiss fuq l-aġenda u sar qbil li din l-attivita\` kellha ssir nhar is-Sibt, 3 ta' Lulju 2010. Il-Kunsill qal li l-organizzazzjoni ta' din l-attivia\` bħas-soltu qed titħalla f' idejn il-ħaddiema tal-Kunsill Lokali tal-Mosta.

**6.00 Rapport dwar il-Patt tas-Sindki/Servizz ta' Perit**

0.01 Dan l-item kien trattat fil-bidu tas-seduta.

**7.00 Guardianship ta' Shelter**

7.01 Is-Sindku qal li kien inkariga lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħmel talba formali permezz ta' ittra lis-Sovraintendenza tal-Patrimonju Kulturali sabiex il-Kunisll Lokali jingħata l-ħarsien tan-*nuclear shelter* li kien hemm biswit il-Gnien l-Għarusa tal-Mosta.

**8.00 Devoluzzjoni tal-Gnien l-Għarusa tal-Mosta**

8.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lilll-Kunsill li permezz ta' Memo 25/1999 maħruġ mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali f' Marzu 1999 kienet ġiet stabbilita proċedura sabiex isir talba għad-devoluzzjoni lokali. Hawn qara estratt mill-proċedura li kellha tiġi applikata.

8.02 Hawnhekk saret diskussjoni dwar il-possbilta\` li ssir talba għad-devoluzzjoni ta' Gnien l-Għarusa tal-Mosta, u wara sar qbil fil-prinċipju sabiex il-Kunsill Lokali jibda x-xogħol fuq applikazzjoni ghad-devolzzjoni ta' dan il-gnien, u ghalhekk approva li jsir rapport dwar il-proġett propost, kif mitlub fl-istess memo 25/1999.

**9.00 Mosta Empowerment Centre**

9.01 Is-Sindku hawn qajjem il-kwistjoni tal-Mosta Empowerment Centre u qal li dan qed ikun ta' ġid għal dawk iż-żgħażagħ li qed jattendu għall-programmi li qed joffri dan iċ-ċentru

9.02 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunisll li dan ma kienx wieħed mill-obbligi statutorji tal-Kunisll u li barra minn hekk dan is-servizz, li kien qed jingħata fil-preżent, ma kienx kopert bi ħruġ ta' sejħa għall-offerti, u għalhekk kien irregolari, u li għalhekk dan is-servizz kellu jitwaqqaf b' mod immedjat.

9.03 Wara li saret diskussjoni dwar din il-materja sar qbil li tinkiteb ittra lill-Onor Dr Chris Said fejn il-Kunsill kellu jitlob direzzjoni sabiex;

i) Ikun jista' jħallas għas-servizz li kien qed jingħata fil-preżent – liema servizz ilu ma jitħallas minn Ottubru li għadda, u dan minħabba li dan is-servizz mhux kopert b' tender,

ii) Jintalab ukoll li dan is-servizz jibqa' jingħata, u dan minħabba li kien ta' ġid għaż-żgħażagħ li kienu qed jattendu, u dan sakemm l-Kunsill joħroġ sejħa għall-offerti għal provvista ta' dan is-servizz.

**10.00 Affarijiet Oħra**

10.01 Il-Kunsillier Agius informa lill-Kunsill li t-tqassim tal-boroż kien miexi b' rittmu tajjeb.

10.02 Il-Kunsillier Fenech qalet li l-Mosta Dome Festival kien ser isir fit-3 ta' Settembru u qalet li kien kalkulat li ser jinġarbu madwar ewro 8,000.00 fi sponsors filwaqt li l-Kunsill kien qed jintalab sabiex joħroġ madwar ewro 2,000.00 u dan minħabba li kien kalkolat li l-ispiża globali kienet ser tlaħħaq madwar ewro 10,000.00 Dan l-ammont kien approvat minn dawk preżenti. Il-Kunsillier Fenech infurmat lill-Kunsill li waqt li kienet qed iddur sabiex tiġbor l-isponsors kienet ġiet mhedda minn sid ta' ħanut partikolari. Hija qalet li kienet infurmat l-Għassa tal-Pulizija b' dan.

10.03 Il-Kunsillier Sammut qal li l-Bar-B-Q tal-Kunsill kien ser isir fit-28 ta' Awwissu 2010 u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jivvota ewro 500.00 biex jagħmlu tajjeb għal xi spejjes b' konnessjoni ma' din l-attivita'. Dan l-ammont kien approvat.

10.04 Il-Viċi Sindku qalet li kellha lment minn residenta li toqgħod fi Triq il-Ballottra minħabba li l-qlib tat-triq kien qed jagħti għad-dar tagħha. Hija ssuġġeriet li jsir speċi ta' kanal taħt il-bankina sabiex l-ilma jibda jxaqleb lejn Triq il-Huttaf.

Il-laqgħa spiċċat fil-9.15 p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Noel Cini
Aġent Segretarju Eżekuttiv